MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 1619/2001/1

**Carmelo Farrugia u Longinu Farrugia**

**v.**

**Peter Farrugia**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi li tghid hekk:
"Illi l-atturi, permezz ta' avviz numerat 1447/00 DM ipprezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), talbu li jirriprendu l-pussess tal-fond 76/77, Triq San Gwann, Zejtun minghand il-konvenut peress li dana qieghed jokkupah minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi;

"Peress illi l-konvenut irribatta dina l-pretensjoni billi ecepixxa li kien igawdi titolu validu ta' lokazzjoni fuqu;

"Peress illi in sostenn tat-titolu tieghu l-konvenut ezebixxa fl-atti tal-kawza ktieb ta' ricevuti tal-kera allegatament iffirmati mill-awtur tal-atturi, li huwa l-mejjet missierhom Giovanni Maria Farrugia;

"Peress illi l-atturi kkontestaw il-validita` u l-veracita` ta' dana l-ktieb tal-kera, u dana stante li l-firem ta' missierhom ma humiex effettivament tieghu, u fis-seduta tas-27 ta' Lulju, 2001 iddikjaraw li ser jattakkaw il-validita` ta' dawna r-ricevuti;

"Peress illi huwa ghalhekk mehtieg li jigi dikjarat formalment li dana l-ktieb ta' ricevuti tal-kera huwa null u minghajr effett stante li l-firem li jinsabu fuqu ma humiex effettivament dawk tal-mejjet missierhom Giovanni Maria Farrugia;

"Ghaldaqstant l-atturi bir-rispett jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti, jekk mehtieg bl-assistenza ta' Perit nominandi, tiddeciedi u tiddikjara illi l-ktieb ta' ricevuti tal-kera ezebit mill-konvenut Peter Farrugia fl-atti tal-kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (1447/00 DM) huwa null u minghajr effett stante li l-firem li jinsabu fuqu ma humiex dawk awtentici ta' l-awtur taghhom li huwa l-mejjet missierhom Giovanni Maria Farrugia.

"Bl-ispejjez, kontra l konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepixxa illi:
"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-firem fuq il-ktieb tar-ricevuti tal-kera saru mill-mejjet Giovanni Maria Farrugia;

"2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Novembru 2004, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:
"tiddikjara illi l-ktieb ta' ricevuti tal-kera ezebit mill-konvenut Peter Farrugia fl-atti tal-kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (1447/00 DM) huwa null u minghajr effett stante li l-firem li jinsabu fuqu ma humiex dawk awtentici ta' l-awtur taghhom li huwa l-mejjet missierhom Giovanni Maria Farrugia.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Il-Qorti kienet nominat lil Joseph Gaffiero bhala espert kaligrafu biex jirrelata dwar jekk il-firma tal-mejjet John Mary Farrugia li hemm fil-ktieb tar-ricevuti kinitx fil-fatt tieghu. Fir-relazzjoni tieghu l-perit ikkonkluda li l-kitba u l-firem fuq fol 28 sa 31 huma tal-mejjet John Mary Farrugia. Dawn il-firem jaqblu mal-firem ta' John Mary Farrugia li jidhru sew fuq it-testment tal 5 ta' Frar 1997 (ara fol 32), kif ukoll ma dawk li jidhru fuq il-kuntratt li sar fil 5 ta' Frar 1997. Iz-zewg firem ta' fuq fol 31, sew il-kitba kif ukoll il-firem, li jidhru fuq fol 22 sa 26 huma kkupjati u sahansistra foloz. (fol 57).

"Inoltre mill-provi gie stabbilit li fit-testment ta' missierhom dan il-fond gie indikat bhala remissa li kienet mikrija lill terzi u imkien fit-testment ma hemm imsemmi li l-post hu mikri lill konvenut, kif missierhom kien soltu jaghmel meta kien jikri xi post b'kera lill haddiehor. In-Nutar Anthony Grech Trapani xehed li fit-testment fil-para 4 a fol. 33 hemm imnizzel li l-hanut kien mikri lil terzi u ma jissemmiex li kien mikri lill tal-familja, ghax kieku kien isemmi lill persuna tal-familja. Ta minn isemmi wkoll li skond il-ktieb tal-kera li gie prezentat l-ircevuti suppost hargu fil-1994 mentri t-testment sar fil-1997 u ghalhekk wiehed kien jistenna li dana l-fatt jissemma' fit-testment.

"Jirrizulta wkoll mill-provi li skond l-ircevuti tal-Water Services ezibiti (ara fol. 36 et seq) Nazzareno Mifsud

baqa jircievi kontijiet sa Mejju 1997 u li l-konvenut jidher li beda jircievi l-kontijiet fuq ismu f'Lulju 1997 u mhux qabel.

"Fil-kawza mortis l-post in kwistjoni tnizzel bhala mikri lill terzi u konvenut ma jissemmiex.

"Kwantu ghall dak li xehed il-konvenut li l-attur Carmelo Farrugia kien jaf li hu qed joqghod hemm u tah Lm100 bhala self biex ihallas lill Mifsud biex johrog mill-post, dana gie michud minn Carmelo Farrugia li qal li Peter kien ighid li missieru hallilu r-remissa mentri fit-testment ma kienx hekk u kien tqarraq bih biex jaghtih Lm100 ha johrog minn hemm. Skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna r-rinunzja ta' dritt trid tirrizulta minn espressjonijet espliciti u univoci, u mhux minn espressjonijiet generici, jew min fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta` preciza tar-rinunzjant (ara Sant Cassia vs N. Deguara App Inf. 1/3/82; u Henry Thake vs C. Borg App Inf. 25.11.1986). Din ir-rinunzja ghalhekk ma tirrizultax.

"Il-Qorti ezaminat ukoll ix-xhieda li pproduca l-konvenut biex jikkonfermaw il-versjoni tieghu, izda apparti li dawn ikkontradicu lilhom infushom f'certi partijiet tax-xhieda taghhom, ix-xhieda taghhom mhiex kredibbli u lanqas ma taqbel mal-fatti kif rrizultaw mill-provi."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut li, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab ir-revoka tas-sentenza appellata u l-konsegwenzjali cahda tat-talbiet attrici;

Rat ir-risposta ta' l-atturi li, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab biex l-appell jigi respint;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi niedu proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-izgumbrament tal-konvenut mill-fond 76/77,

Triq San Gwann, Zejtun, li skond huma, qed jokkupa bla ebda titolu validu fil-ligi. Il-konvenut ikkontesta l-kawza u allega li huwa jgawdi minn titolu ta' kera fuq il-fond in kwistjoni. Bhala prova ta' dan it-titolu, huwa pprezenta ktieb ta' l-ircevuti allegatament iffirmat mill-awtur ta' l-atturi bhala s-sid tal-fond. L-atturi kkontestaw il-veracita` tal-firma ta' l-awtur taghhom, u fethu dawn il-proceduri appoziti biex jattakkaw il-validita` ta' l-ircevuti.

Il-konvenut appellant ghandu, bazikament, zewg aggravji. L-ewwel aggravju jirrigwarda l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti li l-ktieb ta' l-ircevuti kien null minhabba li l-perit tekniku kkonkluda li l-firem kienu foloz; it-tieni aggravju, intimament marbut ma' l-ewwel wiehed, hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex taddotta l-konkluzjoni tal-perit.

L-ewwel Qorti, rinfaccjata bl-allegazzjoni li l-firem kienu foloz, hatret l-espert kalligrafu li, wara li ghamel il-konstatazzjonijiet li deherlu opportuni, irrelata li l-firem li jidhru fuq l-ircevuti huma kkupjati u sahansitra foloz. Il-konvenut ma qabilx ma' din il-konkluzjoni, pero`, la talab li jeskuti l-perit tekniku u lanqas ma talab il-hatra ta' periti teknici addizzjonali. Ghalhekk, japplika ghall-kaz odjern dak li qalet din il-Qorti fil-kawza **Attard v. Tedesco**, deciza fl-1 ta' Gunju 2007, fis-sens illi, "*f'materja ta' valur ta' prova dwar <u>ir-rapport tekniku</u> l-insenjament gurisprudenzjali huwa fis-sens li, ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra u l-Qorti mhix tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha, il-"gudizzio dell'arte" kif espress mill-perit tekniku m'ghandux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollu tac-cirkostanzi, irragjonevoli. Il-Qorti m'ghandhiex tiskarta l-konkluzjonijiet ta' l-espert, specjalment fuq materja purament teknika, b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja tagha ghandha tkun "informata u bbazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika". [App. C.* ***Giswarda Bugeja v. Emanuele Muscat*** *[1967 Vol.LI.I.390; u App. C.* ***Philip Grima v. Carmelo Mamo*** *- 29 ta' Mejju, 1998]*."

Ma jirrizultax, f'dan il-kaz, tali cirkostanzi li jwasslu lil din il-Qorti twarrab il-konkluzjoni milhuqa mill-perit tekniku u abbraccjata mill-ewwel Qorti.

Il-konvenut jissottometti (dan hu l-ewwel aggravju) illi, fi kwalunkwe kaz, il-falsita` tal-firma ta' l-awturi ta' l-atturi ghandha twassal biss ghal dik il-konkluzjoni, u mhux ukoll ghan-nullita` tad-dokument fih innifsu, ghax il-fatti li huma mnizzla fil-ktieb tal-kera, li l-appellanti kellu mikri dan il-post minghand missieru, jirrizultaw minn xiehda ohra. Din il-Qorti, pero`, tirrileva li mhux kompitu taghha tiddeciedi jekk il-konvenut igawdix jew le minn titolu ta' lokazzjoni fil-fond in kwisjtoni; din hi materja li ghad trid tigi mistharrga mill-Qorti li quddiemha ghad ghandha pendenti t-talba ghall-izgumbrament. Dak li kellu jigi, u fil-fatt gie deciz, huwa li d-dokument ta' rilaxx ta' ricevuta ma jistax jitqies bhala prova tal-kontenut tieghu ghax mhux iffirmat minn min allegatament ircieva l-hlas. Din hi decizjoni konformi mal-principji li jirrelogaw il-materja.

Lanqas il-fatt li l-ktieb ta' l-ircevuti allegatament kien fil-pussess tas-suppost firmatarju ma jista' isolvi l-validita` tad-dokument. Fil-kawza **Micallef et v. Galea et**, deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Gunju 1967, gie osservat hekk a propozitu ta' din is-sottomissjoni:
"Issa, fil-kaz prezenti, l-iskrittura giet iffirmata mil-lokatrici biss u ma gietx iffirmata mill-kerrej jew crocesenjata minnu debitament awtentikata.

"Il-kwistjoni tal-validita` ta' skrittura ta' lokazzjoni f'cirkostanzi simili giet gia` drabi ohra kunsidrata minn din il-Qorti, fosthom f'okkazzjoni ricenti fil-kawza **Gerald Vella et v. Avukat Dottor Joseph Cassar et noe**" maqtugha fl-24 ta' April, 1967. F'dik is-sentenza din il-Qorti qalet hekk:

""L-ewwel rekwizit ta' l-iskrittura privata u dak l-aktar ovvju skond il-ligi taghna, hu l-firma ta' kull wahda mill-partijiet ghall-konvenzjoni, stipulata biha."

"Meta l-iskrittura mhix hekk iffirmata, hu rikjest li tkun awtentikata bil-mod preskritt fl-Art. 634 tal-Kodici ta' Procedura Civili.

""Hu veru illi gie xi drabi ritenut, fuq l-awtorita` ta' dottrina estera illi, meta si tratta ta' obbligazzjoni unilaterali, jew li saret unilaterali ghalkemm min-natura taghha bilaterali, bizzejjed il-firma tal-parti li tobbliga ruhha jekk l-original ta' l-iskrittura jkun gie konsenjat lill-parti l-ohra li ma ffirmatax "perche` ricevendolo lo accetta, e lo conferma tacitamente"........Izda dik il-gurisprudenza hi kofliggenti ma' gurisprudenza ohra, senjatament ta' din il-Qorti";

"Imbaghad il-Qorti ccitat is-sentenza precedenti taghha fil-kawza **Mons. Spiteri v. Buhagiar**, li fiha, "Bl-isperanza li l-konflitt u kontradizzjoni ta' gudikati ma jibqax jigri u l-ligi tkun stabbilita ahjar ghall-futur" il-Qorti irriezaminat "*funditus*" dik il-kwistjoni u rriteniet illi:-

""Meta tintuza l-forma ta' skrittura privata, din tinhtieg li ssir kif preskritt fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 1277 tal-Kodici Civili. Dokument li fih ma jigux osservati dawk ir-rekwiziti m'hux skrittura privata.....u jekk il-kuntratt hu wiehed min dawk li ghalihom dik il-firma hi rikjesta, dak il-kuntratt hu null.....Meta l-ligi hi cara u esplicita kif inhi l-ligi taghna fuq dan il-punt, ma jistax ikunu utili soluzzjonijiet konfliggjenti propunjati minn dottrina li tikkommenta jew decizjonijiet ta' qrati li japplikaw ligijiet barranin li ghandhom disposizzjonijiet differenti."

"Fiz-zewg sentenzi hawn fuq imsemmija l-Qorti ma accettatx it-teorija illi, ghan-nuqqas ta' firma ta' wahda mill-partijiet seta' jissupplixxi l-fatt li l-iskrittura giet konsenjata lilha u baqghet ghandha."

Ghall-applikazzjoni ricenti ta' dan il-principju, ara s-sentenzi moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Spiteri v Sammut**, deciza fit-2 ta' Lulju 2003, u **Bank of Valletta plc v. Micovic**, deciza fit-30 ta' Marzu, 2005.

Din il-Qorti trid taghmilha cara li dak li qed tghid f'din il-kawza hu biss li l-ktieb ta' l-ircevuti ma jiswiex bhala prova

tal-kontenut tieghu; mhux qed tghid li ma tezistix kirja favur il-konvenut u lanqas ma hi qed tghid li ma setax sar hlas tal-kera. Dawn huma kwistjonijiet li qed jibqghu impregjudikati ghax jolqtu direttament id-difiza tal-konvenut li hu ressaq fil-kawza ta' zgumbrament ittentata kontrih. Il-prova tal-hlas u l-ircevuta ta' kera mhux necessarjament trid tirrizulta *ad validitatem* minn kitba, u l-prova tista' ssir bi kwalunkwe mezz permess mil-ligi (ara **Camilleri v Calleja**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Jannar 2003), u l-analizi ta' dik il-prova, meta tingieb, tispetta lil dik il-Qorti adita b'azzjoni ta' zgumbrament. Hu f'dan is-sens li trid tinftiehem is-sentenza ta' l-ewwel Qorti li sejra tigi konfermata minn din il-Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u fis-sens premess, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tichad l-istess, u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------